# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 37 – L-ERBGĦA 21 TA' MARZU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:20pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Antoine Vella | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm attendenza ta' żewġ persuni waqt il-laqgħa.

**1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 36**

1.1 Il-Minuti tas-seduta 36 ġew approvati bla emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 36**

2.1 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Vella dwar para. 6.1 dwar il-kwistjoni ta' Triq Palma, is-SE infurmat li kienet għamlet tfittxija fil-fajls iżda ma sabet l-ebda riferenza għal dan il-każ. Is-Sindku informa li l-każ imur lura lejn l-2008 – 2009. Is-SE wegħdet li se terġa' tivverifika.

2.2 Fuq talba tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li terġa' tintbagħat *reminder* dwar il-bankina u l-parti li żżomm l-ilma fi Triq l-Imtarfa.

2.3 Dwar para. 6.3, il-Kunsillier Vella informa li huwa, il-Viċi Sindku u s-SE kienu għamlu żjara fuq il-post fejn deher li hemm lok li jiġi rtirat ħajt viċin il-garaxxijiet sabiex tkun tista' tgħaddi vettura żgħira min-naħa ta' Triq Ġilju għan-naħa ta' Trejqet il-Qronfol. Għaldaqstant kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika mal-perit jekk dan kienx possibbli u tintbagħat talba għal *un/loading bay* lil TM.

2.4 Is-Sindku informa li kellu talba biex il-*bring in site* li tmexxiet għal Triq Joseph Calleja titmexxa aktar 'il ġewwa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba minħabba biża' ta' abbuż.

2.5 Is-SE qrat korrispondenza li kienet irċeviet mingħand il-*Monitoring Unit* tad-Dipartiment kif ukoll l-Awtorità tad-Djar dwar il-każ tal-*bollard* fi Triq il-25 ta' April, para. 3.4. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel appuntament fuq il-post mal-perit tal-Awtorità sabiex tispjegalu dan il-każ aħjar fuq il-post.

2.6 Dwar para. 5.3, is-SE infurmat li s-Sur Clifton Fenech kien talab li jintlaħaq kompromess u għaldaqstant niżżel il-prezz tiegħu għal €450+VAT, li jammonta għal €531. Wara diskussjoni, il-Kunsill talab lis-SE toffrilu €500 bil-VAT inklużi.

2.7 Is-SE infurmat li r-risposta mid-Dipartiment fir-rigward tal-iskrivan kienet sabiex id-deċiżjoni tittieħed mill-Kunsill minħabba li huwa l-*employer* tiegħu u nġibdet l-attenzjoni għal numru ta' paragrafi fil-liġi li għandhom jgħinu fid-deċiżjoni. Hija kienet għamlet sommarju ta' dan kollu u preżentatu lill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Scerri Diacono qablu li l-Kunsill għandu jimxi skont il-liġi u għaldaqstant l-akkumulu ma jingħatax. Min-naħa l-oħra, bħala ġest ta' rieda tajba ġew approvati biss 48 siegħa mil-*leave* tas-snin ta' qabel. Il-Kunsilliera Vella u Bugeja astjenew mid-deċiżjoni minħabba li skont l-iskrivan, iż-żewġ SE ta' qabel allegatament naqsu milli jinfurmawh li ma setax jakkumula daqstant sigħat u anke għaliex ma infurmawhx li kellu bżonn ta' approvazzjoni bil-miktub biex seta' jagħmel dan. Il-Kunsill kollu qabel li ħadd mill-Kunsilliera ma kien infurmat b'dan l-akkumulu u li kemm-il darba kienu jafu bih, is-Sur Michael Portelli kif ukoll is-Sur Kurt Guillaumier, iż-żewġ SE preċedenti, naqqsu milli jinfurmaw lill-Kunsill bil-każ kif kien fi dmirhom. Il-Kunsillier Scerri Diacono atlab li tintbagħat ittra liż-żewġ eks SE preċedenti biex jikkonfermaw bil-miktub xi ftehim kien hemm bejn l-impjegat u s-SE.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 *Ħlas ta' kontijiet:* Is-SE infurmat li wara laqgħa li saret bejnha, is-Sindku u l-Perit Robert Musumeci, dan kien ġentilment aċċetta li jnaqqas il-ħlasijiet ta' żewġ kontijiet (tal-*playing field* u tar-restawr tal-istatwa ta' San Nikola). Għaldaqstant kienet qed tippreżenta l-kontijiet l-oħra kollha pendenti li kellu l-Perit Musumeci mal-Kunsill.

3.1a Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

3.2 *Xiri ta' camera għall-użu tal-uffiċċju:* Il-Kunsill approva li tinxtara *camera* tar-ritratti għall-użu tal-uffiċċju sa €100.

3.3 *Xiri ta' safety shoes għall-ħaddiema tal-IPSL:* Il-Kunsill approva li jinxtara par *safety shoes* għall-ħaddiema tal-IPSL sa massimu ta' €100.

3.4 *Tibjid u store fis-Sala l-Kbira*: Is-SE preżentat kwotazzjonijiet għal ħajt diviżorju tal-injam u tal-*gypsum*. Kien hemm qbil li għandha tivverifika wkoll kemm jiswa kieku jsir tal-aluminju.

## 4. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex possibbilment sa nofs April tkun waslet biex toħroġ l-offerta tal-iskart imħallat.

4.2 Is-Sindku informa li kienu se jerġgħu jinħarġu l-offerti kollha tal-bandli minħabba li skont ma ġie infurmat kien hemm xi żball fl-offerti oriġinali. Sadanittant huwa qal ukoll li kienu nbdew xi xogħlijiet oħra bħal trasferiment ta' siġar u ġew irtirati wkoll xi servizzi (telefon, dwal, eċċ). Huwa informa li kien se jitlob ukoll appuntament mal-Ministri George Pullicino u Karm Mifsud Bonnici u rappreżentant tal-Ministru Chris Said fir-rigward tat-tieni fażi tal-proġett.

4.3 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Vella, is-Sindku informa li kienet se tinżamm laqgħa bejn il-Kunsill, il-Ministru Said u rappreżentanti ta' Binja Qlejgħa dwar il-problemi li għandhom fil- u madwar il-binja tagħhom.

4.4 Is-Sindku kkonferma li l-Għaqda tal-Poeti Maltin kienet aċċettat li għal darb'oħra tgħin lill-Kunsill biex jorganizza l-Lejla Poe-Mużikali. Kien hemm qbil li għandhom jiġu mistiedna l-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll il-President tar-Repubblika.

4.5 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tassigura li joħroġ fuljett għal żmien il-Għid. Kien hemm qbil li minħabba li ma kienx fadal wisq żmien għall-pageant, kellu jinħareġ fuljett A5 bil-poster tad-dramm fuq naħa u l-messaġġ tas-Sindku fuq in-naħa l-oħra filwaqt li jinħareġ fuljett ieħor bid-dettalji tal-Lejla Poe-Mużikali, Ġieħ u Mertu Mtarfa u avviż ta' Military Mtarfa.

## 5. Laqgħa tal-Lokalità 2012

5.1 Is-SE infurmat li kull Kunsill huwa obbligat li jorganizza laqgħa tal-lokalità darba fis-sena u li din ġeneralment għandha tinżamm qabel ma jiġi approvat il-budget. Minħabba li kien hemm numru ta' attivitajiet u impenji personali, l-ewwel data li nstabet komuni kienet nhar il-Ħadd 8 ta' Lulju 2012 fid-9:30am.

## 6. Baġit u Pjan ta' Tliet Snin

6.1 Is-SE issuġġeriet li minħabba li l-kopja tal-baġit kienet twaslet lilha ġurnata qabel biss min-naħa tal-*accountant*, kien ikun aħjar jekk il-Kunsill ikollu ċans li jevalwah bil-kwiet. Il-Kunsill kollu qabel.

6.2 Is-SE infurmat ukoll li kull Kunsill huwa obbligat li jagħmel pjan ta' tliet snin. Għaldaqstant talbet lill-Kunsilliera sabiex jgħaddulha xi ħsibijiet għal proġetti li jista' jkollhom għal dawn it-tliet snin li ġejjin sabiex jiġu inklużi f'dan il-pjan.

## 7. Proġett tal-Awtorità tad-Djar

7.1 Is-SE preżentat kopja ta' pjanta u BOQ għal estensjoni tal-parkeġġ quddiem Binja San David kif ukoll pjanta u BOQ ta' xogħlijiet ta' tisbiħ tal-parti ta' ġewwa tal-*barracks*. Dawn kienu se jiġu jiswew madwar €25000 u €45000 rispettivament. Kien hemm qbil li minħabba t-tul u l-importanza tal-proġett, għandha tinżamm laqgħa mar-residenti ta' Binja San David u l-madwar sabiex jekk ikun hemm xi suġġerimenti jkunu jistgħu jsiru qabel ma jsiru l-applikazzjonijiet mal-MEPA u TM.

## 8. Pageant 2012

8.1 Fuq talba tas-Sindku, issejjaħ is-Sur John Micallef f'isem l-iMtarfa Drama Group biex jagħti rendikont tal-andament tal-preparamenti. Il-ħin kien l-9:50pm.

8.2 Is-Sindku informa li għal din is-sena, il-Kunsill kien qed jivvota €3500 għal din l-attività filwaqt li sal-ġurnata kien irnexxielu jiġbor €850 fi *sponsorships*.

8.3 Is-Sur Micallef informa li kien beda jġib kwotazzjonijiet diversi għad-dawl u *sound* filwaqt li l-bqija tax-xogħol kien se jinbeda dik il-ġimgħa (armar tal-palk, xeni, eċċ).

8.4 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kull spiża (dawl, *sound, filming*, eċċ) kellha tkun akkumpanjata minn tliet kwotazzjonijiet u kkonfermata bil-miktub mhux verbalment.

8.5 Kien hemm qbil li għandhom jiġu mistiedna numru ta' personalitajiet għal nhar l-Erbgħa 4 ta' April 2012.

8.6 Hekk kif il-Kunsill reġa' beda l-laqgħa (10:15pm), il-Kunsilliera Bugeja talbet lill-Kunsill jiskużaha mil-laqgħa. Qabel telqet talbet lill-Kunsill sabiex jindaga fuq problema minn ilma tax-xita li twaslitilha minn Dott. Schembri li joqgħod fi Triq Sir Temi Zammit.

## 9. MILITARY MTARFA 2012

9.1 Wara li s-SE kienet għaddiet proposta dwar l-organizzazzjoni ta' Military Mtarfa permezz tal-*email*, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Mario Camilleri sabiex jevalwa l-offerta tiegħu.

## 10. TNEHHIJA TA' *ITEMS* MINN FUQ L-INVENTARJU TAL-KUNSILL

10.1 Is-SE infurmat li fl-istore kien hemm numru konsiderevoli ta' biċċiet ta' *hard ware* (tal-kompjuters) li ma jaħdmux u li qed jieħdu spazju bżonjuż.

10.2 Kien hemm qbil unanimu li dawn l-affarijiet għandhom jitneħħew minn fuq l-inventarju ladarba m'hemmx xejn minnhom li għadu jiffunzjona.

10.3 Dawn jikkonsistu f'żewġ *monitors* (Belnea u Compaq); *printer* (hewlett packard deskjett 640C); żewġ biċċiet minn *towers* (Net Technology); 4 biċċiet *casing* u *fax machine* (Mita Point Source Vi20).

## 11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI RIGWARD DEPOŻITU TA' KREJN JEW MAKKINARJU

11.1 Is-SE preżentat numru ta' kundizzjonijiet (kopja mehmuża) li l-maġġorparti tagħhom huma mniżżlin u jagħmlu parti mill-kundizzjonijiet fuq l-Att Legali 119 tal-2002, bl-iskop li jiġu ffirmati minn kull min jitlob permess għal depożitu sabiex possibbilment issir inqas ħsara fit-toroq tal-lokalità. Dan minħabba wkoll li fil-preżent, l-applikazzjoni li għandu l-Kunsill m'għandux lok fejn jidħlu dawn il-kundizzjonijiet.

11.2 Il-Kunsill qabel ma' dawn il-kundizzjonijiet.

11.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil ukoll li tiddaħħal kundizzjoni oħra fejn tobbliga lil min ikun sabiex l-applikant ikollu *3rd party insurance*.

11.4 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li kull min jagħmel depożitu ta' krejn għal kostruzzjoni, għandu wkoll iħalli depożitu ta' €233 hekk kif mitlub bil-liġi.

## 12. PUNTI OĦRA

12.1 Għall-fini ta' rekords (għaliex il-Kunsill kien diġà ħa deċiżjoni li din għandha teħel), il-Kunsill ġie infurmat li l-bozza ta' Triq Prosperina kienet se tiswa €194.50. Il-Kunsill approva.

12.2 Il-Kunsill qabel mal-proposta li ressaq il-Kunsillier Vella f'isem l-ispiżjara ta' MakeOver Pharmacy fejn offriet li tagħti numru ta' sessjonijiet dwar saħħa, *weight loss*, eċċ, mingħajr ħlas lir-residenti li għandhom 'il fuq minn 18-il sena. Hija se tintalab tagħmel pjan konkret u tikkordina s-sessjonijiet mas-SE.

12.3 Il-Kunsillier Vella talab li tinġibed l-attenzjoni dwar biċċa *soft area* fuq in-naħa ta' wara ta' Binja Ġebel Dwejra li mhijiex f'kundizzjoni tajba. Is-SE se tivverifika jekk hijiex parti mill-kuntratt.

12.4 Il-Viċi Sindku reġa' fakkar lis-Sindku sabiex ikompli jinsisti mal-Awtorità tad-Djar dwar il-bżonn ta' dawl f'Binja Msieraħ.

12.5 Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandu jsir it-traqqigħ neċessarju fiż-żona ta' Sqaq Alessi.

12.6 Fuq proposta tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li jsir festin għat-tfal għal żmien l-Għid nhar l-Erbgħa 11 ta' April fis-Sala tal-Kunsill. Il-ħlas tal-biljetti se jkun €4 filwaqt li l-ispejjeż kienu jinkludu *entertainer,* ikel u xorb. Il-Kunsillier Scerri

Diacono informa li Mtarfa Pharmacy ġentilment kienu offrew rigal għal kull tifel u tifla.

12.7 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li xi bozoz li kien għadda lment dwarhom kienu għadhom ma ġewx irranġati.

12.8 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li TCTC kien avviċina lill-Kunsill dwar numru ta' korsijiet għall-ħlas ta' €1100.

12.9 Hawnhekk skuża ruħu l-Kunsillier Vella. Il-ħin kien 10:55pm.

12.10 Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' TCTC.

12.11 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien hemm 17-il student/a li ħallsu għall-*after school programme*.

12.12 Il-Viċi Sindku informa li matul dak ix-xahar il-ħaddiema tal-IPSL fost oħrajn kienu rranġaw iċ-ċinta tar-*rainwater culvert*, għamlu traqqigħ, waħħlu xi tabelli u mirja, għamlu xogħol ta' *refreshing* u rranġaw ħajt u *railing* perikoluż.

12.13 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tieħu ħsieb iġġib kwotazzjoni sabiex jinxtegħel il-monument li jinsab fuq wara ta' Binja Ġebel Dwejra.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:00pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 16 ta' April 2012 fis-7.30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**

Kundizzjonijiet speċjali speċifikati mill-Kunsill Lokali Mtarfa rigward depożitu ta' krejn jew makkinarju:

L-applikant għandu jara li:

a) ma jkunx affettwat l-aċċess għall-pubbliku;
b) ma jkunx affettwat l-aċċess għat-traffiku (sakemm mhux speċifikat fuq il-permess);
c) jitpoġġa dawl adegwat fuq il-krejn jew makkinarju goff kemm-il darba jibqa' depożitat fil-post wara nżul ix-xemx;
d) ipoġġi l-marki u s-sinjali kollha li jkunu neċessarji sabiex jiġi evitat kull periklu għall-pubbliku u l-vetturi;
e) juża l-mezzi kollha neċessarji sabiex ma ssirx ħsara jew dannu ieħor lit-triq jew xi propjetà oħra;
f) iħalli l-post fejn iddepożita jew uża l-krejn jew l-makkinarju nadif;
g) Jitpoġġew sinjali ta' *No Parking* fil-*parking bays* li se jintużaw, sa minn 24 siegħa qabel, li jindikaw il-ħin u l-ġurnata tax-xogħol;
h) Ikollu l-permess f'kull ħin fuq il-post;
i) Li l-applikant jagħmel kartun jew plastik taħt il-makkinarju, biex kemm–il darba l-makkinarju jqattar iż-żejt, ma ssirx ħsara fit-tarmak u kemm-il darba jkun innutat li qattar iż-żejt, l-applikant jista' jeħel penali, hekk kif deċiża mill-Kunsill.
j) Li l-applikant ikun kopert b'*Third Party Insurance*.

F'każ li ssir ħsara jew jitwaqqa xi żejt tal-makkinarji waqt id-depożitu jew użu tal-krejn jew makkinarju ieħor, il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa għandu d-dritt jiġbor mingħand id-detentur tal-permess l-ispejjeż li jkopru l-ħsara li tkun saret sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

Jiena hawn taħt iffirmat qed niddikjara li qrajt, fhimt u qed naċċetta l-kundizzjonijiet hawn fuq imposti mill-Kunsill Lokali Mtarfa matul ix-xogħlijiet li se jsiru minni skont il-permess.

_____________________________ ______________________

DATA FIRMA TAL-KUNTRATTUR

Skont il-ligi u anki l-ftehim kollettiv, kull persuna:

1) ghandu jkollha 192 siegha fis-sena leave

2) Ma tistax takkumula aktar minn sentejn fuq xulxin, jigifieri tista' takkumula mit-2011 ghat-2012 biss u ma tistax thalli mit-2010 ghat-2012 per ezempju.

3) L-akkumular jista' jsir biss on alternate years, jigifieri per ezempju, takkumula l-leave mit-2010 ghat-2011, fit-2011 tiehdu kollu, u fit-2012 tista' terga' ggemma' ghat-2013.

4) L-akkumular isir biss minhabba esigenzi tas-servizz u jrid ikun permess mill-Kunsill u s-SE ghaliex ikun mizmum milli jittiehed (ez hafna xoghol jew attivitajiet fl-istess sena li jaghmilha impossibbli ghal dak li jkun li jiehu l-allokazzjoni kollha)

5) jista' jakkumula biss sa massimu ta' 48 siegha (f'dik is-sena li jkun qed jakkumula)